PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 29

L-Erbgħa, 28 t'Ottubru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

LIĊENZJI GĦALL-KAĊĊA LI ĠEW SOSPIŻI/IRREVOKATI

306. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il liċenzja għall-kaċċa ġiet sospiża jew irrevokata matul Frar, Marzu, April u Mejju 2026 u għal liema raġuni?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Pulizija tinnotifika lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) dwar persuni li l-liċenzja tagħhom tkun ġiet sospiża jew revokata mill-Qorti biex isiru l-proċeduri amministrattivi għall-ġbir tal-liċenzji.
Matul il-perjodu inkwistjoni, il-WBRU ġiet notifikata bis-sospensjoni jew revoka ta' seba' liċenzji għall-kaċċa tal-għasafar fuq l-art. Madankollu, jista' jkun hemm sentenzi oħra li għadhom fil-perjodu ta' appell u għaldaqstant għadhom ma ġewx notifikati lill-WBRU.

Seduta Numru 29
28/10/2026

KAŻIJIET TA' ALLEGAT KAĊĊA ILLEGALI JEW KSUR TAL-KUNDIZZJONIJIET TAL-LIĊENZJI

307. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati każijiet ta' allegat kaċċa illegali jew ksur tal-kundizzjonijiet tal-liċenzji matul Frar, Marzu, April u Mejju 2026?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 29
28/10/2026

KAĊĊA – SPEZZJONIJIET/ENFORCEMENT CHECKS

308. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il spezzjoni jew enforcement checks saru mill-awtoritajiet relatati mal-kaċċa matul Frar, Marzu, April u Mejju 2026?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) tipprovdi assistenza teknika lill-Korp tal-Pulizija ta' Malta meta tintalab biex tassisti fl-ispezzjoni ta' ċerti każijiet. Madankollu, peress li l-WBRU ma tkunx involuta fil-każijiet kollha, ma jkollhiex l-informazzjoni kompleta mitluba.

Seduta Numru 29
28/10/2026

LIĊENZJI GĦALL-KAĊĊA – PERSUNI MMULTATI

309. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti jew ġiet immultata minħabba ksur relatat mal-liċenzja għall-kaċċa matul Frar, Marzu, April u Mejju 2026?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul il-perjodu indikat, inħarġu 4 multi amministrattivi fir-rigward tal-offiżi msemmija fl-Iskeda VIII tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.
Fir-rigward ta' proċeduri quddiem il-Qorti, ġentilment ninfurmak li t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) tiġi mitluba mill-Pulizija biex tipprovdi assistenza teknika matul il-prosekuzzjoni ta' ċerti każijiet relatati mal-kaċċa. Madankollu, peress li l-WBRU mhijiex l-awtorità responsabbli mill-prosekuzzjoni, ma jkollhiex l-informazzjoni kompleta li qed tiġi mitluba.

Seduta Numru 29
28/10/2026

KSUR TAL-LIĠIJIET TAL-KAĊĊA – PERSUNI LI KELLHOM KAŻIJIET PENDENTI

310. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx persuni li ngħataw jew ġeddew il-liċenzja għall-kaċċa matul Frar, Marzu, April u Mejju 2026, minkejja li kellhom każijiet pendenti relatati ma' ksur tal-liġijiet tal-kaċċa?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, minkejja l-fatt li jkunu għaddejjin proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qrati, il-liċenzji rilevanti jibqgħu jiġu mġedda mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni li tista' tingħata mill-Qorti. Madankollu, ladarba tingħata deċiżjoni definittiva mill-Qorti, tittieħed l-azzjoni amministrattiva meħtieġa, inkluża s-sospensjoni jew ir-revoka tal-liċenzja rilevanti skont kif tkun tablet il-Qorti.

Seduta Numru 29
28/10/2026

KAĊĊA – PERMITS SPEĊJALI JEW DEROGI

311. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew approvati permits speċjali jew derogi relatati mal-kaċċa matul Frar, Marzu, April u Mejju 2026?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, fir-rigward tal-attivitajiet relatati mal-kaċċa, inħarġu biss id-derogi għall-kaċċa fir-rebbiegħa tas-summien (mit-13 t'April sat-3 ta' Mejju) u tal-gamiem (mill-20 t'April sat-3 ta' Mejju), permezz tal-Avviżi Legali Nru 80 u 81 tal-2026 rispettivament, maħruġa taħt l-Att dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S.549.42).

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1440. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 696 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

14/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 975.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1441. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 697 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

14/07/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 975

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1442. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 698 u tgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Tista' tgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

14/07/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 975.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1443. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 699 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

14/07/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 975

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1444. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 700 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

14/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija f'mistoqsija parlamentari 975

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-ARTI, IL-KULTURA U L-WIRT NAZZJONALI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1445. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 701 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

14/07/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 975.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ĠENITURI ADOTTIVI – GĦAJNUNIET FINANZJARJI

1981. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid x'għajnuna finanzjarja hemm disponibbli għall-ġenituri adottivi? Jista' wkoll jispeċifika l-ammonti u l-kriterji ta' eliġibilità?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ĠENITURI ADOTTIVI – BENEFIĊĊJI

1982. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-ġenituri adottivi humiex intitolati għall-istess maternity leave, paternity leave, parental leave u benefiċċji oħra mogħtija lill-ġenituri bijoloġiċi? Jekk iva, jista' jgħid x'inhuma l-kundizzjonijiet applikabbli?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ADOZZJONIJIET – KOPPJI TAL-ISTESS SESS

1983. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk koppji tal-istess sess humiex eliġibbli sabiex jadottaw skont il-liġi Maltija u, jekk iva minn meta daħlet fis-seħħ din il-possibbiltà?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ADOZZJONIJIET – PERSUNI SINGLE

1984. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk persuni single humiex eliġibbli sabiex jadottaw skont il-liġi Maltija?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ADOZZJONIJIET LOKALI

1985. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jipprovdi tabella li turi kemm ġew konklużi adozzjonijiet lokali minn koppji miżżewġin, koppji tal-istess sess u persuni single mill-2015 sal-aħħar data disponibbli, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ADOZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

1986. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jipprovdi tabella li turi kemm ġew konklużi adozzjonijiet internazzjonali minn koppji miżżewġin, koppji tal-istess sess u persuni single mill-2015 sal-aħħar data disponibbli, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

SKEMA BM40 – STUDENTI LI BBENEFIKAW

2195. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li bbenefikaw mill-iskema BM40 matul l-aħħar sena skolastika?

24/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li t-total ta' studenti li bbenefikaw mill-iskema BM40 matul l-aħħar sena skolastika kien ta' 426.

Seduta Numru 29
28/10/2026

PERSUNI B'KONTIJIET PENDENTI – PROVVISTA MINIMA TAD-DAWL U ILMA

2196. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk għadhiex fis-seħħ il-politika jew il-prassi li tippermetti aċċess għall-ilma u provvista ta' dawl baxxa (kemm iżommu bozza u friġġ mixgħula) lir-residenzi b'kontijiet għoljin pendenti? Jekk iva, kemm hawn residenzi b'din il-provvista bħalissa u kemm hemm persuni rreġistrati f'dawn ir-residenzi?

24/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li bħalissa hemm 95 post li għandhom il-provvista tal-dawl baxxa minħabba kontijiet pendenti u fihom hemm reġistrati 98 persuna. Fir-rigward tal-ilma ma titbaxxiex il-provvista.

Seduta Numru 29
28/10/2026

QRATI – ARJA KKUNDIZZJONATA

2197. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan sabiex tiġi installata sistema ta' arja kkundizzjonata fil-kurituri tal-Qorti ta' Malta u, jekk iva, meta huwa mistenni li jiġi implimentat?

24/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi lejn l-aħħar tas-sena 2024, l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati kkummissjonat studju dwar il-possibbiltà li tiġi installata sistema tal-arja kkundizzjonata fil-kurituri tal-Qrati. Dan ir-rapport ġie analizzat mill-Aġenzija sabiex tiġi evalwata l-vijabilità tal-installazzjoni tas-sistema tal-arja kkundizzjonata fil-kurituri tal-Qrati kemm mill-lat tal-ispiża kapitali, l-ispiża rikorrenti u l-impatt fuq is-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku tal-Qorti.

Seduta Numru 29
28/10/2026

PERSUNI JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL

2198. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol bħalissa?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2200

Seduta Numru 29
28/10/2026

PERSUNI LI ILHOM JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL GĦAL IKTAR MINN ĦAMES SNIN

2199. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li ilhom jirreġistraw għax-xogħol għal aktar minn ħames snin?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2200

Seduta Numru 29
28/10/2026

PERSUNI LI QED JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL – ĠENERU

2200. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol huma nisa u kemm huma rġiel? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom ilhom jirreġistraw għax-xogħol għal aktar minn ħames snin?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2200, ninforma lill-Onor. Interpellant li sa l-aħħar ta` Awwissu 2026, kien hemm 1,328 persuna tirreġistra għax-xogħol fuq l-ewwel u t-tieni parti tar-reġistru, li minnhom 501 kienu nisa u 827 kienu rġiel.
Minn 1,328 persuna, 44 kienu ilhom jirreġistraw għax-xogħol għal aktar minn ħames snin. Minnhom ħamsa kienu nisa u 39 kienu rġiel.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2353. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2354. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fid-dekasteru li jien responsabbli minnu hemm 18-il proprjetà li hija b'kirja mingħand il-Gvern u 94 proprjetà mingħand il-privat. Dawn jinkludu Ambaxxati u residenzi ta' Ambaxxaturi barra l-pajjiż.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2355. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tagħha li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fid-dekasteru li jiena responsabbli minnu hemm 142 -il proprjetà li hija b'kirja mingħand il-Gvern, inkluż il-binja tal-Ministeru, proprjetà waħda li hi mikrija mingħand l-Arċidjoċesi ta' Malta u 3 proprjetajiet li huma b'kirja mingħand il-privat.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2356. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fid-dekasteru li jien responsabbli minnu hemm tmien proprjetajiet li huma b'kirja mingħand il-Gvern, u disa' proprjetajiet li huma b'kirja mingħand il-privat, inkluż il-binja tal-Ministeru.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2357. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fid-dekasteru li jien responsabbli minnu hemm 66 proprjetà li hija b'kirja mingħand il-Gvern, inkluż il-binja tal-Ministeru u 45 proprjetà li huma b'kirja m'għand il-privat.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-ARTI, IL-KULTURA U L-WIRT NAZZJONALI – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2358. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

DOMANDA GĦALL-ELETTRIKU – TBASSIR 2027–2035

2541. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tispjega kif it-tkabbir fis-settur tal-kostruzzjoni, id-domanda akbar għat-tkessiħ (air conditioning), l-introduzzjoni ta' vetturi elettriċi (EVs), u l-provvista tal-elettriku lill-vapuri mill-art (shore-to-ship power) qed jiġu riflessi u kkalkulati fit-tbassir tad-domanda massima għall-perjodu 2027–2035?

31/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tbassir tad-domanda għall-elettriku u l-ippjanar tan-network isiru fuq bażi kontinwa u jiġu aġġornati regolarment fid-dawl ta' data operattiva, ekonomika u infrastrutturali.
Fil-proċess tat-tbassir jitqiesu fost oħrajn l-iżvilupp ekonomiku u demografiku, iż-żieda fl-elettrifikazzjoni tat-trasport inklużi vetturi elettriċi, żviluppi marbuta ma' shore-to-ship power, it-tkabbir fl-attività turistika u kummerċjali, kif ukoll l-effett ta' temperaturi ogħla u żieda fl-użu ta' sistemi ta' tkessiħ.

Seduta Numru 29
28/10/2026

TECHNICAL DOCUMENT F – VERIFIKA TAL-KONFORMITÀ

2542. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju tal-proċess tal-ippjanar jew tal-compliance, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) jew l-Awtorità tal-Ippjanar jaraw li l-bini sar skont ir-rekwiżiti ta' Technical Document F, kif infurzati mill-Avviż Legali u inklużi bħala kundizzjonijiet tal-permessi tal-ippjanar?

31/08/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

RAĦAL ĠDID – ĠNIEN TONY BEZZINA – PROĠETT – NEFQA

2543. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet in-nefqa tal-Gvern, Infrastructure Malta u/jew entitajiet/awtoritajiet governattivi oħra għall-proġett ta' Ġnien Tony Bezzina, f'Raħal Ġdid, u jagħti break down ta' kif u fiex intefqet?

31/08/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din il-mistoqsija għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 29
28/10/2026

RAĦAL ĠDID – ĠNIEN TONY BEZZINA – PROĠETT – NEFQA

2544. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet in-nefqa tal-Gvern, Infrastructure Malta u/jew entitajiet/awtoritajiet governattivi oħra għall-proġett ta' Ġnien Tony Bezzina, f'Raħal Ġdid, u jagħti break down ta' kif u fiex intefqet?

31/08/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant, illi din hija il-breakdown tax-xogħlijiet li għamlet Infrastructure Malta fil-proġett ta' Ġnien Toni Bezzina, f'Raħal Ġdid.

Servizz	**Ammont eskluż il-VAT (€)**
Civil & Finishing works	679,420.33
M&E works	92,355.08
Ancillary Services	28,909.42

Seduta Numru 29
28/10/2026

CHARGE MY RIDE – CHARGING STATIONS

2545. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hawn charging stations taħt is-sistema taċ-Charge My Ride f'Malta u Għawdex? Tista' tgħid ukoll jekk hemmx xi forma ta' kuntratt li jittratta l-immaniġġjar tagħhom, meta jiskadi dan il-kuntratt, u x'inhu l-pjan 'il quddiem biex dawn iċ-charging stations jiżdiedu?

31/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3122 ninfurmah li l-kuntratt li jittratta l-immaniġġjar jiskadi fl-2028.

Seduta Numru 29
28/10/2026

SKART IMĦALLAT

2546. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhu l-pjan tal-Gvern biex l-ammont ta' skart imħallat li jmur fil-landfill jinżel minn kważi 80% kif inhu rrappurtat illum għal taħt l-10% sal-2035, skont id-direttivi Ewropej?

31/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern qed jimplimenta l-Istrateġija fit-Tul għall-Immaniġġjar tal-Iskart bil-għan li jkompli jnaqqas progressivament l-ammont ta' skart li jintrema fil-landfill u jersaq lejn il-miri Ewropej relatati mal-ekonomija ċirkolari u l-immaniġġjar sostenibbli tal-iskart. Dan qed isir permezz ta' pakkett komprensiv ta' miżuri li jinkludu t-tisħiħ tal-ġbir separat tal-frazzjoni organika u tal-materjali riċiklabbli, investimenti f'faċilitajiet ta' sortjar, trattament u rkupru tal-iskart, kif ukoll infrastruttura ġdida maħsuba biex tkompli tnaqqas id-dipendenza tal-pajjiż fuq il-landfill.
F'dan il-kuntest, il-Gvern qed iwettaq investimenti sinifikanti permezz tal-proġett Ecohive Complex, li jirrappreżenta trasformazzjoni sostanzjali fis-sistema nazzjonali tal-immaniġġjar tal-iskart u li se jkompli jsaħħaħ il-kapaċità tal-pajjiż għat-trattament, l-irkupru u l-ipproċessar ta' diversi flussi ta' skart. Dawn il-miżuri, flimkien ma' inizjattivi oħrajn previsti fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Immaniġġjar tal-Iskart, huma maħsuba biex inaqqsu progressivament il-volum ta' skart li jintrema fil-landfill u jappoġġjaw it-tranżizzjoni ta' Malta lejn sistema aktar sostenibbli u effiċjenti tal-immaniġġjar tar-riżorsi. Dawn jinkludu wkoll proġetti bħal Waste to Energy u l-Iskip Management Facility.

Seduta Numru 29
28/10/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – GĦAŻLA TAS-SIT

2625. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant, magħruf ukoll bħala n-National Farm Waste Treatment Facility, fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid għaliex is-sit biswit l-impjant tal-Water Services Corporation intgħażel bħala s-sit propost għal din il-faċilità? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji, ir-rapporti u l-evalwazzjonijiet kollha li wasslu għall-għażla ta' dan is-sit?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sit fil-Qammieħ ġie identifikat bħala post potenzjali għall-iżvilupp tal-faċilità proposta, abbażi ta' kunsiderazzjonijiet tekniċi u operattivi. Fost il-fatturi meqjusa kien hemm il-viċinanza tiegħu mal-impjant eżistenti għat-trattament tad-drenaġġ tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC), li għalih hemm ukoll approvazzjoni għall-espansjoni. Fattur ieħor important huwa li dan il-proġett huwa parti mill-obbligi ta' Malta skont il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea u Malta kellha tkun konformi ma' dawn l-obbligi sal-2007.

Fl-identifikazzjoni tas-sit tqieset ukoll il-ħtieġa li l-faċilità tkun tista' tissodisfa l-ħtiġijiet tas-settur agrikolu kemm f'Malta, kif ukoll f'Għawdex.

Seduta Numru 29
28/10/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – SITI ALTERNATTIVI

2626. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid liema siti alternattivi ġew ikkunsidrati qabel intgħażel is-sit propost fil-Mellieħa? Għal kull sit ikkunsidrat, jista' jgħid fejn jinsab, għaliex ġie kkunsidrat u għaliex eventwalment ġie eskluż?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-identifikazzjoni tas-sit fil-Qammieħ kienet ibbażata fuq diversi kunsiderazzjonijiet tekniċi u operattivi, fosthom il-possibbiltà li jsir użu mill-infrastruttura eżistenti tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-aċċessibbiltà meħtieġa għal faċilità maħsuba biex tipproċessa skart agrikolu minn Malta u Għawdex.

Il-viċinanza mal-impjant eżistenti tista' tnaqqas il-ħtieġa għal infrastruttura ġdida u għal aktar użu ta' art, filwaqt li tippermetti koordinazzjoni aħjar tas-servizzi meħtieġa.

Madankollu, il-proġett għadu fi stadju preliminari u l-identità tas-sit propost għadha trid tiġi evalwata permezz tal-istudji tekniċi, ambjentali u tal-ippjanar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – DEĊIŻJONI

2627. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid min jew liema bord, kumitat, dipartiment jew entità ħa d-deċiżjoni li dan is-sit jiġi inkluż fid-dokumenti tal-konċessjoni RAM/001/2026, u f'liema data ttieħdet din id-deċiżjoni? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-minuti, ir-rakkomandazzjonijiet u d-dokumentazzjoni kollha relatata ma' din id-deċiżjoni?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess RAM/001/2026 inħareġ minn Riżorsi Agrikoli Malta, bħala l-Aġenzija responsabbli mill-proċess ta' prekwalifikazzjoni għall-konċessjoni proposta.

L-avviż relatat ma' dan il-proċess intbagħat fl-4 ta' Settembru 2026 u ġie ppubblikat fis-7 ta' Settembru 2026.

L-identifikazzjoni tal-Qammieħ bħala sit potenzjali kienet ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet tekniċi u operattivi, partikolarment il-viċinanza mal-infrastruttura eżistenti tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Madankollu, għandu jiġi ċċarat li l-inklużjoni tas-sit fid-dokumentazzjoni tal-proċess ta' prekwalifikazzjoni ma tikkostitwixxix approvazzjoni finali tal-proġett.

Seduta Numru 29
28/10/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – KONSULTAZZJONI MAL-KUNSILL LOKALI

2628. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa kienx ikkonsultat qabel ma ntgħażel is-sit propost? Jekk iva, jista' jgħid f'liema dati saret il-konsultazzjoni, min attenda u x'kienet il-pożizzjoni tal-Kunsill u jekk le, għaliex ma saritx konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali qabel ittieħdet din id-deċiżjoni?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet li ngħataw għall-mistoqsijiet parlamentari 2625, 2626 u 2627.
Ninfurmah li l-Gvern jirrikonoxxi l-importanza tal-konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali u mal-komunità, kif ukoll it-tħassib imqajjem dwar l-impatti potenzjali fuq l-ambjent, it-traffiku, it-turiżmu u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti.

Seduta Numru 29
28/10/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

2629. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid jekk saritx jew hijiex ippjanata konsultazzjoni pubblika mar-residenti tal-Mellieħa, il-Manikata, l-Aħrax, l-Għadira u ż-żoni tal-madwar dwar dan il-proġett? Jekk iva, jista' jgħid meta mistennija ssir din il-konsultazzjoni u b'liema forma?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern jibqa' impenjat li jiżgura proċess trasparenti fir-rigward tal-proposta għall-Impjant Nazzjonali għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu.

Il-proġett għadu fi stadju bikri u għaddejjin diversi studji u valutazzjonijiet tekniċi u ambjentali sabiex jiġu stabbiliti l-impatti potenzjali tiegħu qabel ma jsiru l-konsultazzjonijiet. Il-Gvern ikun jista' jikkonsulta mal-pubbliku, inkluż il-komunità tal-Mellieħa, ġaladarba jkunu lesti dawn l-istudji u l-valutazzjonijiet.

Seduta Numru 29
28/10/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – IPPROĊESSAR TAL-ISKART AGRIKOLU

2630. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jikkonferma jekk il-faċilità hijiex mistennija tipproċessa bejn 300,000 u 350,000 tunnellata ta' demel, slurry u skart agrikolu fis-sena? Jista' wkoll jagħti breakdown skont it-tip u l-kwantità ta' skart li huwa mistenni li jiġi pproċessat kull sena?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-faċilità proposta hija maħsuba biex tipprovdi soluzzjoni nazzjonali, moderna u sostenibbli għat-trattament tal-iskart agrikolu, b'mod partikolari d-demel tal-annimali, l-iskart likwidu mill-irziezet u materjal organiku relatat. Dan il-proġett huwa parti mill-obbligi ta' Malta skont il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea u Malta kellha tkun konformi ma' dawn l-obbligi sal-2007.

L-għan huwa li dan l-iskart jiġi ttrattat b'mod ikkontrollat, filwaqt li fejn ikun teknikament possibbli jiġi kkonvertit fi prodotti utli, fosthom enerġija rinnovabbli, bijofertilizzanti organiċi u prodotti oħra.

Fir-rigward tal-kwantitajiet imsemmija, fid-dokumentazzjoni relatata mal-proġett hemm indikazzjonijiet ta' kapaċità massima ta' madwar 300,000 sa 350,000 tunnellata fis-sena. Madankollu, dawn iċ-ċifri għadhom ma ġewx ikkonfermati bħala l-kapaċità operattiva finali tal-faċilità. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għadha mhix disponibbli analiżi definittiva tat-tunnellaġġ annwali għal kull kategorija ta' skart.

Il-kategoriji finali tal-iskart, il-kapaċità tat-trattament u l-arranġamenti għall-ħażna se jiddependu mit-teknoloġija magħżula, mid-disinn approvat u mill-kundizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet kompetenti. Kull waħda minn dawn l-għażliet se tittieħed bil-ħsieb li din il-faċilità tħalli l-anqas impatt possibbli fuq iż-żona tal-madwar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

GOZO CHANNEL – FLOTTA ĠDIDA – OPPORTUNITAJIET TA' FINANZJAMENT

3324. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1521 u jgħid għaliex il-Gvern mhux qed jagħmel użu sħiħ mill-opportunitajiet ta' finanzjament offruti mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea sabiex jiffinanzja investiment fi flotta ġdida għall-Gozo Channel?

08/10/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant lit-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

GĦAWDEX – TRASPORT PUBBLIKU – ROTOT, FREKWENZA U INVESTIMENT FIL-FLOTTA

3325. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jindika liema rotot tat-trasport pubbliku jaqdu l-lokalitajiet tal-Qala u ta' Marsalforn f'Għawdex, kif ukoll jgħid il-frekwenza tas-servizz fl-imsemmija lokalitajiet? Hemm pjanijiet sabiex tiżdied il-frekwenza tas-servizz tat-trasport pubbliku fil-lokalitajiet kollha f'Għawdex u, jekk iva, jista' jispeċifika l-miżuri previsti u meta dawn mistennija jidħlu fis-seħħ? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjanijiet għal aktar investiment fil-flotta ta' vetturi tat-trasport pubbliku li topera f'Għawdex u, jekk iva, jagħti d-dettalji ta' dan l-investiment u ż-żmien previst għat-twettiq tiegħu?

08/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-rotta li taqdi l-lokalità tal-Qala hija r-rotta 303, li topera kull siegħa. Marsalforn hija moqdija mir-rotta 310, li fis-sajf topera kull nofs siegħa. Fix-Xitwa, din ir-rotta topera kull nofs siegħa fl-ewwel ħinijiet ta' filgħodu u kull tliet kwarti għall-bqija tal-ġurnata. F'Mejju ta' din is-sena saru numru ta' modifiki kemm fir-rotot f'Għawdex kif ukoll f'rotot f'Malta li jservu ta' konnessjoni mal-fast ferries. Fost dan it-tibdil, ir-rotta 310 rat żieda fil-frekwenza tagħha kemm fix-Xitwa kif ukoll fis-Sajf.
Bejn Mejju u Ġunju ta' din is-sena sar l-akbar investiment li qatt sar f'Għawdex fit-trasport pubbliku fuq l-art, meta l-flotta kollha li topera dan is-servizz inbidlet minn vetturi tad-diesel għal vetturi elettriċi.

Seduta Numru 29
28/10/2026

L-ISPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - IMPJEGATI ĠODDA

3350. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew ingaġġati impjegati ġodda fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, f'Mejju 2026?

09/10/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2289.

Seduta Numru 29
28/10/2026

L-ISPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - IMPJEGATI ĠODDA

3351. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew ingaġġati impjegati ġodda fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, f'Ġunju 2026?

09/10/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2289.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MTA - LUKANDI B'APPROVAZZJONI GĦAL ŻIEDA TA' KMAMAR

3352. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2575 dwar lukandi b'approvazzjoni għal żieda ta' kmamar, jista' l-Ministru jgħid jekk l-24 proġett li għalihom saret talba mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA), ġewx approvati kollha? Jekk le, kemm minn dawn it-talbiet ġew approvati?

09/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-mistoqsija parlamentari 2575 il-mistoqsija kienet għal lukandi li kellhom approvazzjoni għal żieda ta' kmamar. Għaldaqstant ma naħsbux li hemm aktar x'inżidu.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MTA - LUKANDI B'APPROVAZZJONI GĦAL ŻIEDA TA' KMAMAR

3353. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2576 dwar lukandi b'approvazzjoni għal żieda ta' kmamar, jista' l-Ministru jgħid kemm-il lukanda, kmamar u sodod ġew approvati għal kull lokalità? Jista' jgħid ukoll ta' liema klassi huma?

09/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta Numru 29
28/10/2026

IN-NADUR – TORRI TA' KENUNA – XOGĦLIJIET

3365. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsabu x-xogħlijiet fuq it-Torri ta' Kenuna fin-Nadur, Għawdex, u meta hu mistenni li jitlestew? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-kundizzjoni strutturali attwali tat-Torri, u jekk jeżistix riskju ta' tiġrif parzjali jew totali?

12/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Ministeru għal Għawdex jinsab f'diskussjonijiet mal-Malta University Enterprises (MUE) sabiex jiġu ingaġġati esperti speċjalizzati biex iwettqu investigazzjonijiet ġeoloġiċi u ġeotekniċi. Dan bil-għan li tiġi evalwata l-kundizzjoni tal-irdum u jiġu identifikati l-interventi meħtieġa biex tiġi żgurata l-istabbiltà u s-sigurtà tat-Torri. L-esperti se jkunu responsabbli wkoll mit-tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-istimi finanzjarji meħtieġa għall-ħruġ tas-sejħa għall-offerti, kif ukoll sabiex jipprovdu assistenza teknika matul il-proċess tal-offerti u jissorveljaw ix-xogħlijiet li sussegwentement jitwettqu mill-kuntrattur magħżul.

Seduta Numru 29
28/10/2026

IN-NADUR – TORRI TA' KENUNA – XOGĦLIJIET

3366. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsabu x-xogħlijiet fuq it-Torri ta' Kenuna fin-Nadur, Għawdex, u meta hu mistenni li jitlestew? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-kundizzjoni strutturali attwali tat-Torri, u jekk jeżistix riskju ta' tiġrif parzjali jew totali?

12/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 813.

Seduta Numru 29
28/10/2026

L-IMĠARR, GĦAWDEX – TRASPORT PUBBLIKU – SKEDI

3367. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan sabiex l-iskeda tat-trasport pubbliku fl-Imġarr, Għawdex, tiġi kkoordinata aħjar mal-ħinijiet tal-wasla u tat-tluq tal-vapuri, sabiex jitnaqqas il-ħin ta' stennija u jiġu ffaċilitati l-konnessjonijiet għall-passiġġieri? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjan sabiex jiġu installati xelters adegwati fil-waqfiet tal-karozzi tal-linja fl-istess żona, li jipproteġu lill-passiġġieri mix-xemx, ix-xita u r-riħ? Jista' jgħid ukoll meta dawn il-miżuri huma mistennija jitwettqu?

12/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-port tal-Imġarr joperaw erba' rotot differenti, li bejniethom iwettqu seba' vjaġġi fis-siegħa. Fost dawn hemm ir-rotta 301, li tgħaqqad il-port mal-Belt Victoria u topera kull ħmistax-il minuta. B'din il-frekwenza, il-passiġġieri li jaslu bil-vapur għandhom konnessjoni regolari mat-trasport pubbliku, irrispettivament mill-ħin tal-wasla tal-vapur.

Rigward ix-xelters, nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 29
28/10/2026

GĦAWDEX – L-GĦAR TA' CALYPSO – XOGĦLIJIET

3416. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab bħalissa l-proġett tal-Għar ta' Calypso f'Għawdex? Jista' jgħid ukoll meta huwa mistenni li jitlestew ix-xogħlijiet u meta l-Għar se jerġa' jinfetaħ għall-pubbliku?

13/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tender SPD3/2026/031 – Tender for the Commissioning of Geological Investigations at and around Calypso Cave within the Limits of Xagħra, Gozo ġie ppubblikat nhar it-30 ta' Settembru 2026 u għalaq nhar il-21 ta' Ottubru 2026. Bħalissa qed tiġi evalwata s-sottomissjoni. Hekk kif jingħata dan it-tender u jitlestew l-investigazzjonijiet ġeoloġiċi meħtieġa, se jitkompla l-proċess għat-tħejjija u l-ħruġ tat-tender għax-xogħlijiet ta' preservazzjoni u l-istabbilizzazzjoni tal-għar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – BINI TA' LUKANDI – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI

3422. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' applikazzjonijiet li huma pendenti quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini ta' lukandi? Jista' jgħid ukoll f'liema lokalitajiet jinsabu dawn l-applikazzjonijiet?

13/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3258, ninforma lill-Onor. Interpellant tirreferi ghall-mistoqsija parlamentari 2577.

Seduta Numru 29
28/10/2026

IN-NAXXAR – SPLUŻJONI TAL-KAMRA TAN-NAR – KUMPENS/GĦAJNUNA

3603. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 512 rigward kumpens jew għajnuna lil dawk li ġarrbu xi ħsarat kawża tal-isplużjoni tal-kamra tan-nar ġewwa n-Naxxar, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk kienx hemm żviluppi dwar kumpens jew għajnuna lil dawk li sofrew xi ħsarat?

16/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari 3234.

Seduta Numru 29
28/10/2026

L-IMSIDA – LIFE LONG LEARNING CENTRE – INFORMAZZJONI DWAL L-IŻVILUPP TAX-XOGĦLIJIET

3644. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-istudenti humiex se jingħataw informazzjoni ċara u regolari dwar l-iżviluppi tax-xogħlijiet, id-data mistennija tal-ftuħ mill-ġdid tal-Life Long Learning Centre tal-Imsida u l-arranġamenti li se jsiru biex ikomplu l-korsijiet tagħhom?

16/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3640.

Seduta Numru 29
28/10/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

3741. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

19/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

3742. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

19/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar

Seduta Numru 29
28/10/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

3743. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom biex jipprovdu servizzi f'Għawdex, u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

19/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

FINANZJAMENT LILL-NGOS

3744. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jelenka l-NGOs li rċevew finanzjament mill-Ministeru fl-aħħar sentejn, bl-ammont u l-għan ta' kull għotja, maqsuma sena b'sena?

19/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

3745. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

19/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar

Seduta Numru 29
28/10/2026

FTEHIM MA' NGOS

3746. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru telenka l-NGOs li għandhom ftehim mal-Ministeru biex jipprovdu servizzi, u tagħti l-valur u t-tul ta' kull ftehim?

19/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għad-dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għall-mistoqsija parlamentari nru 4045, li jinkludi l-lista tal-ftehimiet ta' sħubija soċjali, magħrufa bħala Public Social Partnerships (PSPs), li għandu dan il-Ministeru.

Seduta Numru 29
28/10/2026

NEFQA MEDJA TAT-TURISTI – SNIN 2025 U 2026

3776. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa medja għal kull turist fl-2025 u, separatament, għal kull xahar tal-2026 li għalih hemm disponibbli statistika? Jista' jgħid ukoll jekk il-Gvern stabbilixxiex mira ta' nefqa medja għal kull turist għall-2026?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

TURIŻMU TA' VALUR OGĦLA – INDIKATURI

3777. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għad-dikjarazzjonijiet li l-Gvern jagħraf l-importanza li pajjiżna jersaq għal turiżmu ta' valur ogħla, jista' l-Ministru jelenka l-indikaturi li qed jintużaw biex jiġi determinat jekk Malta hix verament qed timxi lejn dan il-mudell?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3768.

Seduta Numru 29
28/10/2026

STRATEĠIJA NAZZJONALI GĦAT-TURIŻMU – REVIŻJONI

3778. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux l-intenzjoni jirrevedi l-Istrateġija Nazzjonali għat-Turiżmu, fid-dawl taż-żieda qawwija fil-wasliet tat-turisti, u jekk iva, meta se tiġi ppubblikata din l-istrateġija riveduta?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif diġà stqarrejt pubblikament, għaddej xogħol fuq l-Istrateġija Nazzjonali għat-Turiżmu. Meta jkun il-waqt, jitħabbru aktar dettalji.

Seduta Numru 29
28/10/2026

TURIŻMU EĊĊESSIV – MIŻURI

3779. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Fid-dawl tal-fatt li l-miri tal-EnVision 2050 fin-numru ta' turisti li jżuru pajjiżna f'sena jidher illi marru ineżatti b'disa' snin, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri għandu ppjanati l-Gvern biex ibiegħed mill-komunitajiet f'pajjiżna r-riskju konkret tal-esperjenza ħażina ta' turiżmu eċċessiv f'ċerti lokalitajiet bħalma huma San Ġiljan, is-Swieqi, Tas-Sliema, il-Belt Valletta, San Pawl il-Baħar u lokalitajiet oħra, jew matul ċerti perjodi tas-sena?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3768.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ŻJARAT MINN TURISTI

3780. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-għaxar lokalitajiet li rċevew l-akbar numru ta' żjarat minn turisti matul l-2025 u l-ewwel sitt xhur tal-2026, u jindika l-metodoloġija użata biex jiġu kkalkulati dawn iċ-ċifri?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ngħarraf lill-Onor. Interpellant, li fost l-aktar lokalitajiet li t-turisti jżuru l-aktar f'Malta, hemm: il-belt Valletta, l-Imdina/Ir-Rabat; Tas-Sliema; Marsaxlokk; iż-żona San Pawl il-Baħar, Buġibba u l-Qawra; t-tliet ibliet tal-Kottonera; San Ġiljan; Il-Mellieħa, Il-Mosta u Ħad-Dingli.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ŻONI TURISTIĊI – IMPATT FUQ IL-KWALITÀ TAL-ĦAJJA TAR-RESIDENTI – STUDJU

3781. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern wettaqx studju li jkejjel l-impatt tat-turiżmu fuq il-kwalità tal-ħajja tar-residenti fiż-żoni turistiċi ewlenin u jekk iva, iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dawn ir-riżultati?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

IX-XGĦAJRA – RAPPORTI DWAR ĠRIEDEN

3833. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm daħlu rapporti dwar il-preżenza ta' ġrieden fil-lokalità tax-Xgħajra matul l-aħħar sena? Tista' tgħid ukoll x'miżuri ttieħdu?

20/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3834.

Seduta Numru 29
28/10/2026

IX-XGĦAJRA – RAPPORTI DWAR ĠRIEDEN

3834. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm daħlu rapporti dwar il-preżenza ta' ġrieden fil-lokalità tax-Xgħajra matul l-aħħar sena? Jista' jgħid ukoll x'miżuri ttieħdu?

20/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li, matul din is-sena, it-Taqsima tal-Pest Control Unit fi ħdan id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali rċeviet erba' lmenti relatati mal-preżenza ta' ġrieden fil-lokalità tax-Xgħajra. Wara kull ilment, il-ħaddiema tal-Pest Control Unit ħadu l-miżuri meħtieġa billi wettqu trattament għall-kontroll tal-ġrieden fi żmien ftit jiem minn meta ġie riċevut l-ilment rispettiv. Dan apparti trattament ieħor li jkun skedat matul is-sena.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ASSIGURAZZJONI TAL-KUNSILLIERA LOKALI

3835. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm kunsilliera lokali f'Malta u Għawdex li ġew irrifjutati kopertura ta' assigurazzjoni marbuta mal-qadi tad-dmirijiet tagħhom f'din il-leġiżlatura?

20/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemmx kopertura ta' assigurazzjoni speċifika marbuta mal-qadi tad-dmirijiet tas-Sindki u l-Kunsilliera Lokali. Għaldaqstant, ma tinżammx informazzjoni dwar każijiet fejn talbiet għal tali kopertura ġew irrifjutati matul din il-leġiżlatura.

Seduta Numru 29
28/10/2026

SERVIZZI TAT-TINDIF – ĦADDIEMA IMPJEGATI MAL-GVERN

3836. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm ħaddiema impjegati direttament mal-Gvern li jaħdmu fis-servizzi tat-tindif, inklużi dawk assenjati fid-dipartimenti, entitajiet u aġenziji governattivi?

20/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent hemm 627 ħaddiem li jaħdmu fis-servizzi tat-tindif fi ħdan id-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni assenjati skont il-ħtieġa.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ĦAL TARXIEN – TRIQ KARLU MARATTA KANTUNIERA MA' TRIQ KALAMIJA – SPRALLI MAGĦLUQA BIT-TARMAK

3837. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Fid-dawl li l-ispralli fi Triq Karlu Maratta kantuniera ma' Triq Kalamija, Ħal Tarxien (biswit Ġnien Ovindoli) jinsabu magħluqin bit-tarmak, jista' l-Ministru jgħid jekk dawn l-ispralli humiex se jibqgħu magħluqin jew jekk hemmx il-ħsieb li jerġgħu jinfetħu sabiex l-ilma tax-xita jkun jista' jitbattal kif suppost?

20/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jindirizza din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 29
28/10/2026

SKEMA BIEX IĊĊEDI L-LIĊENZJA TAS-SEWQAN – APPLIKAZZJONIJIET

3838. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 908 u 2020 u jgħid kemm-il-żagħżugħ u żagħżugħa applikaw għall-iskema biex iċedu l-liċenzja tas-sewqan għal €25,000?

20/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

FSWS CHILDCARE – CARERS BARRANIN – GĦARFIEN TAL-LINGWA MALTIJA

3894. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm carers ta' nazzjonalità barranija impjegati fis-servizz tal-FSWS Childcare, maqsuma skont kull ċentru? Jista' jgħid ukoll jekk il-carers barranin kollha, impjegati f'dan is-servizz, għandhomx għarfien tal-lingwa Maltija u jekk dan l-għarfien jiġix verifikat?

20/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi d-domanda lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 29
28/10/2026

FSWS CHILDCARE – CARERS BARRANIN – GĦARFIEN TAL-LINGWA MALTIJA

3895. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm carers ta' nazzjonalità barranija impjegati fis-servizz tal-FSWS Childcare, maqsuma skont kull ċentru? Jista' jgħid ukoll jekk il-carers barranin kollha, impjegati f'dan is-servizz, għandhomx għarfien tal-lingwa Maltija u jekk dan l-għarfien jiġix verifikat?

20/10/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ĦAL QORMI – TRIQ IL-BELT VALLETTA – XOGĦLIJIET

3896. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Fid-dawl tal-istat ħażin f'partijiet ta' Triq il-Belt Valletta, f'Ħal Qormi, jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f'din it-triq?

20/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa Infrastructure Malta għaddejja b'diskussjonijiet mal-Enemalta rigward it-tisħiħ fid-distribution network f'Ħal Qormi, li abbażi tagħhom ser ikun hemm pjan ħolistiku ta' xogħlijiet f'Ħal Qormi.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ĦAL QORMI – TRIQ SAN EDWARDU – XOGĦLIJIET

3897. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Fid-dawl tal-istat ħażin f'partijiet minn Triq San Edwardu, f'Ħal Qormi, jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f'din l-istess triq?

20/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa Infrastructure Malta għaddejja b'diskussjonijiet mal-Enemalta rigward it-tisħiħ fid-distribution network f'Ħal Qormi, li abbażi tagħhom ser ikun hemm pjan ħolistiku ta' xogħlijiet f'Ħal Qormi.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ĦAL QORMI – TRIQ IL-ĦAMMIERI – XOGĦLIJIET

3898. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Fid-dawl tal-istat ħażin f'partijiet minn Triq il-Ħammieri, f'Ħal Qormi, jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f'din l-istess triq?

20/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa Infrastructure Malta għaddejja b'diskussjonijiet mal-Enemalta rigward it-tisħiħ fid-distribution network f'Ħal Qormi, li abbażi tagħhom ser ikun hemm pjan ħolistiku ta' xogħlijiet f'Ħal Qormi.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ALLIED HEALTH PROFESSIONALS – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL TELEWORK

3949. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3288 u jgħid kemm hemm Allied Health Professionals li applikaw għal sigħat ta' telework, maqsuma professjoni professjoni, fis-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

21/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fis-snin 2024, 2025 u 2026 daħlu dawn l-ammont ta' applikazzjonijiet għal telework:
Fl-2024, l-applikazzjonijiet kienu ta' żewġ Medical Laboratory Scientists, tliet Nutritional Therapists, għaxar Occupational Therapists, Physiotherapist wieħed, u 36 Speech and Language Pathologists.
Fl-2025, l-applikazzjonijiet kienu minn Medical Laboratory Scientist wieħed, tliet Nutritional Therapists, 15-il Occupational Therapist, Physiotherapist wieħed u 44 Speech and Language Pathologists.
Fl-2026, l-applikazzjonijiet kienu jinkludu żewġ Medical Laboratory Scientists, tliet Nutritional Therapists, 11-il Occupational Therapist, żewġ Physiotherapists, Radiographer wieħed u 46 Speech and Language Pathologists.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ALLIED HEALTH PROFESSIONALS LI RRITORNAW MILL-UNPAID LEAVE

3950. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3289 u jgħid kemm daħlu lura Allied Health Professionals li kienu fuq unpaid leave f'dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma professjoni professjoni?

21/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru ta' Allied Health Professionals li daħlu lura wara li kienu fuq unpaid leave huwa kif ġej:

53 fl-2021; 42 fl-2022; 52 fl-2023; 51 fl-2024; u 61 fl-2025.

Il-professjonijiet kienu jinkludi Audiologists, Dental Hygienists, Dental Technicians, Dieticians, Medical Laboratory Scientists, Nutritional Therapists, Occupational Therapists, Physiotherapists, Podiatrists, Radiographers u Speech and Language Pathologists.

Seduta Numru 29
28/10/2026

ALLIED HEALTH – PROFESSJONISTI

3951. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3290 u jgħid kemm huwa l-headcount tal-professjonisti tal-allied health, maqsuma skont il-professjoni, u kemm huwa l-full-time equivalent għal kull professjoni?

21/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-headcount totali tal-Allied Health Professionals huwa ta' 1,431 impjegat, b'Full-Time Equivalent (FTE) ta' 1,377.185.

Seduta Numru 29
28/10/2026

PERSUNI JGĦIXU BID-DIJABETE

3952. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2672 u jgħid kemm qed jgħixu persuni bil-kundizzjoni tad-dijabete f'Malta?

21/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li hemm 45,551 persuna li qed jgħixu bil-kundizzjoni tad-dijabete.

Seduta Numru 29
28/10/2026

L-ISPTAR MATER DEI – ĦADDIEMA – KUNDIZZJONIJIET GĦALL-PARKEĠĠ

3953. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2763, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-ħaddiema tal-Gvern fl-Isptar Mater Dei għandhomx kundizzjonijiet differenti mill-ħaddiema tal-kuntrattur fir-rigward tal-parkeġġ tal-vetturi tagħhom waqt il-ħin tax-xogħol? Jekk iva, jista' jgħid x'inhuma dawn il-kundizzjonijiet?

21/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

IR-RABAT, MALTA – TRIQ ĠORĠ BORG OLIVIER

3954. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2764 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2024, jista' l-Ministru jagħti update ta' x'sar f'dawn l-aħħar tliet xhur fir-rigward ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, ir-Rabat, Malta, fid-dawl li dalwaqt se jerġgħu jibdew l-iskejjel u ser jiżdied iktar l-użu ta' din it-triq u magħha jiżdiedu l-inkonvenjenzi, ħsarat lir-residenti u perikli?

21/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

KM MALTA AIRLINES – KONTIJIET FINANZJARJI AWDITJATI

4057. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3489 u jgħid jekk il-kontijiet finanzjarji awditjati ta' KM Malta Airlines, li twaqqfet fl-2023, ġewx approvati mill-Bord tad-Diretturi u ppreżentati lill-Malta Business Registry, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jekk le, jista' jispjega r-raġunijiet għal dan id-dewmien, jindika jekk ingħatawx estensjonijiet addizzjonali u jagħti data sa meta dawn il-kontijiet huma mistennija li jiġu ppreżentati u ppubblikati?

22/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kif għidt fid-diskors tal-Budget, għaddejjin b'taħditiet ma' numru ta' kumpaniji tal-avjazzjoni bil-għan li jinstab sieħeb strateġiku għal-linja tal-ajru tagħna.

Għaldaqstant minħabba s-sensittività tat-tali proċess, kwalunkwe pubblikazzjoni ta' informazzjoni ser issir wara l-għeluq ta' dawn id-diskussjonijiet.

Seduta Numru 29
28/10/2026

KM MALTA AIRLINES – SERVIZZI TA' KONSULENZA PROFESSJONALI

4058. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3490 u jgħid kemm nefqet KM Malta Airlines fuq servizzi ta' konsulenza professjonali mill-bidu tagħha sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' wkoll:
i. jipprovdi l-isem tal-konsulenti jew tad-ditti li ngħataw dawn il-kuntratti;
ii. jipprovdi l-ammont imħallas lil kull wieħed minnhom;
iii. jgħid is-servizzi li għalihom ġew ingaġġati; u
iv. jgħid jekk dawn is-servizzi ngħatawx permezz ta' sejħa għall-offerti, proċess kompetittiv jew b'għotja diretta?

22/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 29
28/10/2026

SKEMA TA' QSIM TA' EKWITÀ – MEDJA U MEDJAN

4127. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3213 u 3623 u jipprovdi, f'tabella separata għal kull sena mill-2022 sal-2025 u għall-2026 sal-aħħar data disponibbli, għall-każijiet konklużi taħt l-Iskema ta' Qsim ta' Ekwità, il-medja u l-medjan tal-prezz tal-proprjetà, tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Awtorità u tal-perċentwal tas-sehem tagħha?

22/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

SKEMA TAL-10% DEPOŻITU – ŻMIEN TA' STENNIJA

4128. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3211 u 3624 u jgħid kemm kienet il-medja taż-żmien bejn applikazzjoni kompluta u d-deċiżjoni tal-Awtorità tad-Djar, u bejn dik id-deċiżjoni u l-kuntratt finali għall-iskema tal-10% Depożitu għal kull sena mill-2022 sal-2025 u għall-2026 sal-aħħar data disponibbli? Jekk xi informazzjoni ma tinżammx mill-Awtorità, jista' jgħid jekk tinżammx mill-banek parteċipanti?

22/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

AWTORITÀ TAD-DJAR

4129. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3208 u 3625 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar statistiċi mill-Awtorità tad-Djar u/jew minn entità oħra għas-snin 2023, 2024, 2025 u 2026 (sal-aħħar ta' Settembru) dwar l-applikanti u l-benefiċjarji tal-iskema tal-10% Depożitu, l-Iskema ta' Qsim ta' Ekwità, l-Iskema tas-Self Soċjali u l-Għotja għax-Xiri ta' Residenza rigward l-età, il-kompożizzjoni tal-familja, id-dħul, l-assi, il-prezz u l-karatteristiċi tal-proprjetà, id-depożitu, l-ammont u t-terminu tas-self, il-pagament ta' kull xahar, u għajnuniet oħra riċevuti? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm benefiċjarji ta' aktar minn skema waħda?

22/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-aħħar statistiċi mill-Awtorità tad-Djar għas-snin 2023, 2024, 2025 u 2026 dwar l-applikanti u l-benefiċjarji tal-iskema tal-10% Depożitu, l-Iskema ta' Qsim ta' Ekwità, l-Iskema tas-Self Soċjali u l-Għotja għax-Xiri ta' Residenza rigward l-età, il-kompożizzjoni tal-familja, id-dħul, l-assi, il-prezz, il-karatteristiċi tal-proprjetà u n-numru ta' benefiċjarji li bbenefikaw minn aktar minn skema waħda qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

L-Awtorità tad-Djar m'għandha l-ebda informazzjoni rigward id-depożitu, l-ammont u t-terminu tas-self, il-pagament ta' kull xahar peress li din l-informazzjoni ma tingħatax lill-Awtorità tad-Djar mill-banek. Però ta' min jgħid li d-depożitu jkun dejjem 10% tal-prezz tal-proprjetà.

Seduta Numru 29
28/10/2026

RAPPORTI U DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI TAL-GVERN

4130. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3207 u 3626 u jgħid f'liema rapporti jew dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Gvern jiġu rreġistrati l-istimi tal-obbligazzjonijiet relatati ma' kumpens li għadu ma tħallasx għal artijiet u proprjetajiet meħuda għal skopijiet pubbliċi jew soċjali u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar rendikont disponibbli, bid-data ta' referenza tiegħu, li juri separatament il-kumpens totali determinat u/jew maqbul iżda mhux imħallas, l-istima totali min-naħa tal-Gvern tal-kumpens li għadu jrid jiġi determinat, u l-imgħax totali dovut?

22/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li dettalji ta' dan it-tip ma tistax tingħata. Minbarra hekk, fil-maġġoranza tal-każi, il-valur ta tali kumpens jiġi stabbilit fiż-żmien li jkun ser isir il-ħlas, għax ikun skont deċiżjoni tal-Qorti jew għax ikun marbut ma akkwisti li jkunu neċessarja li jingħalqu bil-ħlas u b'kuntratti ta xiri.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MIEA/02/2026

4131. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi d-dati ta' meta saru sessjonijiet ta' konsultazzjoni u ma' min saru s-sessjonijiet qabel ma ħarġet is-sejħa għall-offerti b'referenza MIEA/02/2026 mill-Malta Investments & Economic Advisory?

22/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

IS-SWIEQI, PEMBROKE, SAN ĠILJAN U L-AKKWATI – ILMENTI DWAR IRWEJJAĦ U EMISSJONIJIET

4173. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1957, tista' l-Ministru tgħid x'azzjoni ttieħdet mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) fir-rigward tat-18-il ilment li rċeviet bejn l-1 ta' Jannar 2026 u l-31 ta' Awwissu 2026 dwar l-impjant inkwistjoni, inkluż kemm saru spezzjonijiet, jekk sarx monitoraġġ tal-kwalità tal-arja u tal-emissjonijiet, partikolarment matul il-ħinijiet ta' filgħaxija u billejl, u jekk instabx ksur ta' xi kundizzjoni tal-permess jew regolament ambjentali?

23/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet li tajtha għall-mistoqsijiet parlamentari 1959 u 1961.

Seduta Numru 29
28/10/2026

KONTINĠENT MALTI F'NEW YORK – SETTEMBRU 2026

4174. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2968, 3302 u 3496 u jgħid f'kemm persuni kien jikkonsisti l-kontinġent Malti li attenda għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga, ir-rwol u l-ministeru jew l-entità li kull persuna kienet qed tirrappreżenta jew li ġew ingaġġati minnha? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali ta' din iż-żjara, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

23/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tlaqqgħet ix-xahar li għadda u l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

KONTINĠENT MALTI F'NEW YORK – SETTEMBRU 2026

4175. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2969, 3303 u 3497 u jgħid f'kemm persuni kien jikkonsisti l-kontinġent Malti li attenda għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga, ir-rwol u l-ministeru jew l-entità li kull persuna kienet qed tirrappreżenta jew li ġew ingaġġati minnha? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali ta' din iż-żjara, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

23/10/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tlaqqgħet ix-xahar li għadda u l-informazzjoni għadha qed tinġabar**.**

Seduta Numru 29
28/10/2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

4176. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2970, 3304 u 3498 u jgħid f'kemm persuni kien jikkonsisti l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

23/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tlaqqgħet ix-xahar li għadda u l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

4177. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2971, 3305 u 3499 u jgħid kemm kien jikkonsisti f'persuni l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Ministeru tiegħu għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

23/10/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tlaqqgħet ix-xahar li għadda u l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

4178. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2972, 3306 u 3500 u jgħid kemm kien jikkonsisti f'persuni l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Ministeru tiegħu għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

23/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tlaqqgħet ix-xahar li għadda u l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

4179. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2973, 3307 u 3501 u jgħid kemm kien jikkonsisti f'persuni l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Ministeru tiegħu għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

23/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tlaqqgħet ix-xahar li għadda u l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 29
28/10/2026

TENDERS GĦAL SINJALI TAT-TRAFFIKU – KUMPANIJI/KOPERATTIVI

4186. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' kumpaniji/koperattivi li ngħataw tenders biex jipprovdu sinjali tat-traffiku, matul l-aħħar ħames snin?

23/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

TENDERS GĦAL SINJALI TAT-TRAFFIKU – KUMPANIJI/KOPERATTIVI – ĦLASIJIET

4187. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallset kull waħda mill-kumpaniji/koperattivi li ngħataw tenders biex jipprovdu sinjali tat-traffiku matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

23/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

INFRASTRUCTURE MALTA – SINJALI TAT-TRAFFIKU – SPEZZJONIJIET

4188. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk f'dawn l-aħħar ħames snin sarux spezzjonijiet biex ikun żgurat li s-sinjali tat-traffiku li tqiegħdu huma konformi mal-istandards mitluba minn Infrastructure Malta? Jekk iva, jista' jgħid x'irriżulta minn dawn l-ispezzjonijiet?

23/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Infrastructure Malta twettaq spezzjonijiet regolari sabiex tivverifika l-kundizzjoni u l-konformità tas-sinjali tat-traffiku mal-istandards u r-rekwiżiti applikabbli. B'riżultat ta' dawn l-ispezzjonijiet, inħarġu diversi ordnijiet ta' xogħol sabiex isiru l-interventi meħtieġa fejn ġie identifikat li kien hemm bżonn ta' azzjoni korrettiva.

Seduta Numru 29
28/10/2026

TENDERS GĦAL SINJALI TAT-TRAFFIKU – KUMPANIJI/KOPERATTIVI – KSUR TAL-KUNTRATTI

4189. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk f'dawn l-aħħar ħames snin qatt ittieħdux passi kontra l-kumpaniji/koperattivi li ngħataw tenders biex jipprovdu sinjali tat-traffiku għal xi ksur tal-kuntratti?

23/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

TRANSPORT MALTA – TQEGĦID TA' SINJALI TAT-TRAFFIKU ĠODDA – NEFQA

4190. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefqet flus Transport Malta fit-tqegħid ta' sinjali tat-traffiku ġodda matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

23/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 29
28/10/2026

TENDERS GĦAL SINJALI TAT-TRAFFIKU – KUMPANIJI/KOPERATTIVI

4191. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' kumpaniji/koperattivi li ngħataw tenders biex jipprovdu sinjali tat-traffiku, matul l-aħħar ħames snin?

23/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 29
28/10/2026